## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

### tas-16 ta' Frar 2010

### dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien EDF) għas-sena finanzjarja 2008

(2010/102/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-raba' Konvenzjoni ACP-KEE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989 ([1]) u emendata mill-Ftehim iffirmat fil-Mawrizju fl-4 ta' Novembru 1995 ([2]),

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-għajnuna Komunitarja taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-Raba' Konvenzjoni ACP-KE ([3]), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim Intern", li jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, it-tmien Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien EDF), u partikolarment l-Artikolu 33(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-koperazzjoni fil-finanzjament tal-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE ([4]), u partikolarment l-Artikoli 66 sa 74 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta tal-bilanċ relatati mal-operazzjonijiet tat-tmien EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2008 u r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar is-sena finanzjarja 2008 flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni ([5]),

Billi

(1) Skond l-Artikolu 33(3) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tat-tmien EDF trid tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(2) L-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-operazzjonijiet tat-tmien EDF matul is-sena finanzjarja 2008 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-tmien EDF għas-sena finanzjarja 2008.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

([1]) ĠU L 229, 17.8.1991, p. 3.
([2]) ĠU L 156, 29.5.1998, p. 3.
([3]) ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.
([4]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.
([5]) ĠU C 269, 10.11.2009, p. 257.